Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 365/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Angelo' Gafa)**

**vs**

**John Gonzi**

Seduta tas-26 t'Apeil, 2018

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellat, John Gonzi, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 38071M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, f'Lulju tas-sena 2003 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1) iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

2) ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra fflasifikati, illi meta pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku mal-Gvern;

3) aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4) ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

5) aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta'

esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-22 ta' Gunju, 2015 li biha sabet u ddikjarat lil John Gonzi mhux hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u minnhom illiberatu;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Lulju, 2015 fejn talab lil din il-Qorti sabiex joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tqis bir-reqqa l-provi kollha migjuba f'dan il-kaz issib lill-appellat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lill-Avukat Generali u lid-difensur tal-appellat;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-Avukat Generali jillanja s-sentenza liberatorja bil-gravami singolari illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u interpretat u applikat il-ligi b'mod zbaljat. Huwa jressaq diversi argumenti in sostenn ta' dan l-aggravju mirati sabiex din il-Qorti tirrovexxja s-sentenza tal-ewwel Qorti u minflok issib htija fl-appellat;

2. Illi l-aggravju tal-appellant jirrikjedi ezami approfondit tal-provi mressqa quddiem l-ewwel Qorti sabiex tkun f'qaghda tiggudika jekk l-ewwel Qorti qabilha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Ghalhekk, u kif assodat fil-gurisprudenza, ma huwiex il-ghan ta' l-istadju ta' dawn il-proceduri li din il-Qorti tirrimpjazza id-diskrezzjoni fdata f'idejn l-ewwel Qorti;

3. Illi l-fatti ta' dan il-kaz, ghad illi jikkoncerna ghexieren ta' dokumenti u deposizzjoni ta' diversi xhieda, jista' jkunu ridotti fi ftit kliem. Lura fis-sena 2005, Missier il-mara tal-appellat li f'dak iz-zmien kienu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni, kien talab li jinbdew proceduri kriminali kontra tieghu bl-allegazzjoni dwar falsifikazzjoni ta' diversi dokumenti fosthom ftehim ta' self li bis-sahha taghhom l-appellat aprofitta ruhu mill-flus li akkwista ghan-nom ta' martu. L-appellat kien impjegat mal-HSBC Bank (Malta) plc u stante li l-allegati atti ta' falsifikazzjoni u allegat akkwist ta' flus sehh fuq dokumenti tal-istess bank huwa ghadda minn proceduri interni dwarhom ukoll. Fil-fazi ahharija tal-proceduri, mart l-appellat iddikjarat illi ma kienx ghad kellha interess fil-prosekuzzjoni tieghu;

4. Din il-Qorti ezaminat l-atti processwali dettaljatament inkluz allura id-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha u d-dokumenti ezebiti. Mill-assjem ta' dawn l-atti jemergi illi l-pern tal-kwistjoni kollha devoluta quddiem l-ewwel Qorti kienet dik dwar jekk id-dokumenti in kwistjoni kienux verament falsifikati u jekk dik il-falsifikazzjoni, jekk tirrizulta, kellux iwiegeb ghaliha l-appellat. L-ewwel Qorti kienet innominat espert kaligrafu sabiex jghinha fl-istharrig taghha u ghalhekk jista' jinghad illi l-konkluzzjonijiet tal-istess espert kienu ukoll indispensabbli fil-process hawn skrutinat. Issa, sabiex din il-Qorti tipprocedi fil-konsiderazzjonijiet dwar jekk l-ewwel Qorti qabilha setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, u la darba l-process kollu huwa dipendenti fuq ir-

rizultanzi peritali, kien mehtieg li tkun traccata dik il-parti tal-*iter* processwali in rigward. Minn tali ezami irrizulta fattur importanti li ma jistghax ikun skartart minn din il-Qorti;

5. Kif gia inghad, l-appellat kien soggett ta' proceduri interni tal-bank li fl-investigazzjonijiet tieghu kien inkariga espert kaligrafu. Ir-rizultanzi ta' dik il-perizja ma kienux accettabbli ghall-appellat, allura imjegat tal-bank, u kien ghalhekk inkarigat espert kaligrafu iehor li kien wasal ghall-konkluzzjonijiet tieghu, ssottometta l-istess rizultanzi lill-bank izda ftit wara, irtira dawk il-konkluzzjonijiet. Fil-mori tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, il-prosekuzzjoni ressqet bhala xhieda lil dawn iz-zewg esperti u ezebiet ukoll il-perizji taghhom fejn sarilhom ukoll kontro-ezami. Fl-istadju allura bikri ta' dawk il-proceduri, il-prosekuzzjoni kienet talbet li jinhatar espert kaligrafu u dan fl-udjenza tat-2 ta' Novembru 2005 (fol 6 – Vol I). Il-Qorti kienet rrizervat li tipprovdi fi stadju iehor ghal dik it-talba. Fl-udjenza tal-14 ta' Lulju 2006 (ara verbal fol 475 – Vol V), il-prosekuzzjoni regghet tenniet it-talba taghha u l-ewwel Qorti hatret espert kaligrafu <u>li kien wiehed miz-zewg esperti nkarigati mill-bank u li kienu ngiebu bhala xhieda mill-prosekuzzjoni</u>. Wara li dan l-espert ipprezenta r-rizultanzi tieghu, regghet inqalghet il-htiega ghall-hatra ulterjuri u l-Qorti regghet inkarigat lill-istess espert;

6. Il-preokkupazzjoni ta' din il-Qorti hi proprju il-hatra ta' wiehed mix-xhieda tal-prosekuzzjoni bhala espert liema espert kien mhux biss gia esprima opinjoni fil-forma ta' rizultanzi peritali, izda kien xehed ukoll dwar it-thassib tieghu fl-inkarigu originali mill-bank li kien qieghed jghaddilu dokumenti ftit ftit ghall-ezami tieghu skond kif jidhirlu u mhux jghatih access miftuh biex ikun jista' jasal ghall-konkluzzjoni tieghu. Huwa spjega wara li wasal ghall-ewwel konkluzzjoni tieghu li l-bank kien ipprezentalu dokumenti ohra sabiex jerga jikkonsidra il-posizzjoni tieghu. "*Biex naghmel dan kont tlabt li jekk ahna se*

*nibqghu sejrin f'din id-direzzjoni ma jistghax ikun li l-bank jibqa' iressaq lili dokumenti li jixtieq hu imma mhux id-dokumenti kollha ....*" Wara li inghata access ghad-dokumenti kollha, kien inghata struzzjonijiet mill-bank sabiex jirritorna kollox ghaliex ma kienux aktar interessati fir-rapport. L-espert kien kommissjonat u mhallas mill-istess bank ;

7. Il-perizja ta' espert mhux nominat mill-Qorti hija xhieda *ex parte* u l-konkluzzjonijiet taghha ma jistghux hlief jitqiesu bhala opinjonijiet anke jekk dik il-persuna tkun esperta fil-kamp taghha. Kif ghalhekk, tistaqsi din il-Qorti, persuna li tkun tressqet bhala xhud tal-prosekuzzjoni, tkun esprimiet diversi opinjonijiet fil-perizja precedenti taghha, tkun mhallsa mill-parti li ghandha interess fl-ezitu tal-proceduri ghaliex is-suspettat huwa impjegat taghha sospiz mix-xoghol u li tkun wriet disdenn ghall-operat selettiv li bih il-bank iprokura dokumenti, tkun issa nominata mill-Qorti bhala espert taghha proprju f'dik il-kawza kriminali? Dan il-kwezit u dawn il-konsiderazzjonijiet mhu qed isiru bl-ebda dell ikrah fuq l-espert in kwistjoni izda bhala sfond fl-iskrutinju tal-operat tal-ewwel Qorti li ma kellha qatt tinnomina xhud fl-istruttorja quddiemha bhala espert f'dik l-istess kawza;

8. Issa, jekk din il-Qorti ser toqghod fuq dawn ir-rizultanzi peritali tkun, fil-fehma taghha, qed taghmel omagg ghall-izball tal-ewwel Qorti fil-hatra ta' xhud bhala espert, u dan certament li mhux ser ikun il-kaz anke jekk dan ma jidhirx li kien ta' xi ostakolu ghall-partijiet;

9. Ventilat dan, hija mankanti il-prova indispensabbli li torbot lill-appelat ma' dak allegat mill-prosekuzzjoni sia kwantu l-awtur tal-falsifikazzjoni kif ukoll *qua* persuna li allegatament ghamlet uzu minn dokumenti foloz la darba anqas ma jista' jkun accertat li d-dokumenti kienu fir-rejalta falsifikati;

10. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud.